# Il-Mużika fil-Festa Maltija (VI):
# Il-marċ trijonfali [ir-raba' parti]



**Mro Manoel Pirotta**

DNESM (Lyon) [M.A.] Dip CNR (Lyon) [B.A. (Hons.)]
Hon VCM LFIBA CT, FVCM (Hons.) FTCL FLCM FNCM LTCL LMusLCM LMusTCL (Comp.) Ċert. (Qarrej tal-Provi) [Melit.]

Fit-tliet artikli li għaddew laqqajtkom ma' bosta kompożituri Maltin u barranin li mill-pinna tagħhom ħarġu l-marċi trijonfali. Sibna li f'Malta dat-tip ta' marċ kif nafuh aħna kien popolari l-aktar fil-perijodu ta' bejn l-aħħar kwart tas-seklu dsatax u t-Tieni Gwerra Dinjija. Dari, ħafna surmastrijiet Maltin kienu jħobbu jitilgħu l-Italja biex ikomplu jistudjaw il-mużika. Ħafna oħrajn, fil-biċċa l-kbira surmastrijiet Taljani, kienu jiġu f'pajjiżna biex jiddderieġu l-baned tagħna, fosthom dawk tal-Belt u tat-Tlitt Ibliet tal-Kottonera. B'dan il-mod, surmastrijiet Maltin kienu jiġu f'kuntatt dirett mal-mużika operistika Taljana u l-marċi trijonfali sbieħ li jkun fiha. B'hekk, huma wkoll kienu jitħajru jiktbu xi wieħed għall-banda tagħhom fuq l-istess mudell bħalma nsibu fl-*Aïda* ta' Verdi.

Iżda f'Malta, kif se naraw, il-marċ trijonfali kien ġa jindaqq sa minn ħafna qabel it-twaqqif tal-ewwel baned f'nofs is-seklu dsatax. Dan għaliex, fi żmien il-Kavallieri – liema perijodu kien jestendi mill-Barokk sa dak Klassiku, firxa ta' 'l fuq minn mitejn sena – kienu jitwaqqfu arki trijonfali temporanji apposta biex fuqhom titla' l-orkestra ddoqq mużika ċelebrattiva fl-okkażjoni tal-pussess tal-Gran Mastru l-ġdid jonkella waqt xi avveniment ieħor ta' xeħta reliġjuża u fl-istess ħin ta' importanza storika kbira.




Mudell ta' kif jidher ark trijonfali

**Il-marċ trijonfali**

Il-marċ trijonfali dlonk ifakkarna fl-ark trijonfali li bħalu spiss konna nsibu armati f'diversi bliet u rħula qodma tal-gżejjer Maltin, meqjus bħala ġojjell artistiku. Dari kien jitqiegħed f'post prominenti f'tarf it-triq li tagħti għall-pjazza u li aktarx kien jinxtegħel bit-tazzi taż-żejt. Illum il-ġurnata għandna naraw xi ftit minnhom, fosthom tnejn li jintramaw ir-Rabat, f'Malta, wieħed



San Publju għaddej minn taħt l-ark fil-Furjana (Ħajr: Stephen Camilleri)

għall-festi ta' *Corpus Christi*, u li jibqa' għall-festa l-oħra ta' San Pawl, u l-ieħor għall-festa ta' San Ġużepp.

F'Għawdex ukoll għad baqa' għamla ta' ark trijonfali mqiegħed fuq kolonni li jintrama għall-festa ta' San Ġwann fix-Xewkija. Fil-festa tas-Salvatur, il-Lijani jsibuh bħala l-'kuruna' jew 'tribuna'. Dan huwa l-istess wieħed li fl-1921 laqa' taħtu l-inkurunazzjoni tal-Bambina fix-Xatt tal-Isla.

**L-Ark Trijonfali**

Ark trijonfali jista' jkun ta' żewġ tipi: (a) dak permanenti, li jikkonsisti f'binja monumentali f'forma ta' bieb kbir b'tifkira ta' xi ġrajja kbira storika. Fost dawn nistgħu nsemmu xi wħud li nsibuhom fl-ibliet ewlenin Ewropej, bħalma huma l-*Ark ta' Kostantinu* (Ruma), l-*Arc de Triomphe* (Pariġi), il-*Brandenburg Gate* (Berlin) u l-*Marble Arch* (Londra); (b) dak temporanju, li soltu jintrama u jiżżarma skont l-okkażjoni li tkun. Fiż-żewġ każijiet, iżda, is-simboliżmu jibqa' dejjem hemm għax kull meta tgħaddi minn taħtu bla ma trid iġibek insè ta' ċkunitek quddiem il-persuna/ġrajja mfakkra.



Orkestra bi strumenti varji bħalma kienet l-Orchestre du Roi Soleil taħt il-kompożitur Franċiż Jean-Baptiste Lully

**L-ewwel arki trijonfali**

Bħala binja, l-arki trijonfali ilhom jeżistu sa mill-qedem, Ir-Rumani spiss kienu jagħmlu użu minnhom, speċjalment dawk permanenti, li għadhom jitgawdew minn min iżurhom sal-ġurnata tal-lum. Dawk temporanji feġġew ħafna wara fejn fl-Ewropa, speċjalment l-Italja, bdejna naraw qawmien ġdid fl-arti, il-letteratura u d-drawwiet soċjali. Skont l-Imħallef Emeritu Giovanni Bonello[1], f'Malta, l-ewwel wieħed ta' għamla temporanja kien dak li ttella' l-Imdina għall-pussess tal-Gran Mastru Juan d'Homedes fl-1538.

Arki oħrajn intramaw fil-pussessi ta' Gran Mastri li ġew warajh: Alof de Wignacourt (1601), Ramon Perellos (1697) – wieħed fil-Birgu u l-ieħor fl-Imdina fuq disinn tal-Perit Giuseppe Azupard, Marc Antonio Zondadari (1720) u Manoel de Vilhena (1722) – fl-Imdina, fuq disinn Barokk ta' Pietro Paolo Troisi.

Fil-każ tal-Gran Mastru Emanuel Pinto de Fonseca kienu nbnew tmienja minnhom għall-okkażjoni, fosthom wieħed barra Putirjal, mgħammar b'kull xorta ta' tiżjin u skrizzjonijiet bit-Taljan, f'bieb Sant'Anna, il-Furjana u barra Portes des Bombes. Fi Triq San Ġużepp sar ieħor minn but il-kleru u l-poplu Karkariż u ieħor f'Ħ'Attard bix-xbieha ta' Pinto, sa funtana tarmi l-inbid kellu, imħallas minn but il-Prosekutur Fiskali.

Fl-Imdina wkoll, inbena ieħor biex minn fuqu nqara d-diskors ta' merħba. Isem il-Gran Mastru Emanuel de Rohan ukoll huwa marbut mal-arki trijonfali: meta fit-12 ta' Mejju 1776 mar Ħaż-Żebbuġ għall-festa ta' San Filep u ġie milqugħ b'wieħed disinjat mill-pittur Rokku Buhagiar, u b'ieħor li ntrama fuq il-moll meta żar il-Birgu fl-istess sena.

1 'L-ark Ċerimonjali fl-Istorja ta' Malta': L-Ark ta' San Publju tal-Furjana (1899-2019) ['Il-Furjana', 2020)].

ikompli f'paġna 26

# Il-marċ trijonfali

ikompli minn paġna 16

F'jum il-pussess tiegħu wkoll, de Rohan għadda minn taħt diversi arki kommemorattivi fi triqtu lejn l-Imdina.

Lill-aħħar Gran Mastru ta' Malta, Ferdinand von Hompesch ukoll inbnewlu tliet arki ċelebrattivi għall-ħatra tiegħu: quddiem id-daħla ta' Putirjal, quddiem il-knisja Agostinjana tar-Rabat u fl-Imdina stess fejn ħa l-pussess. Ark ieħor inbnielu meta żar il-festa ta' San Nikola fl-1797, fl-istess sena li dar-raħal ġie elevat għal Città Ferdinand.

**Daqq ċerimonjali**

Iżda wieħed jassumi li daċ-ċerimonji kollha ma kinux isiru jekk mhux akkumpanjati minn xi forma ta' daqq ċerimonjali u/jew trijonfali. Ngħidu aħna, fil-ktieb ta' Vella Bondin[2] insibu li, għall-okkażjoni tal-pussess tal-Gran Mastru de Paule (1623), fil-Birgu kien ittella' ark trijonfali biex minn fuqu setgħu jdoqqu ħafna mużiċisti bi strumenti varji. Infatti, mal-wasla tal-Gran Mastru, dil-orkestra daqqet sinfonia (*overture*). Vella Bondin isemmi wkoll okkażjonijiet ċelebrattivi oħrajn fejn l-orkestra, mgħammra b'kull xorta ta' strumenti, daqqet f'misraħ il-Griegi fl-Imdina għall-pussess tal-Gran Mastru Emanuele Pinto (1741) u għal dak tal-Gran Mastru Emanuele de Rohan [protettur tal-Arti] (1777), fejn kien saħansitra ntrama palk għall-orkestra f'Misraħ il-Katidral.

L-istess awtur isemmi wkoll li kien intrama ark trijonfali ieħor f'Bieb l-Imdina fil-11 t'Ottubru 1749 fl-okkażjoni tal-għoti tal-insinji lill-Kanonċi tal-Katidral mill-Papa Benedittu XIV (1675-1758) li fiha ġiet esegwita serenata strumentali minn orkestra, għal dak iż-żmien numeruża, magħmula minn tmien vjolini, obwe, żewġ korni, żewġ vjolinċelli, kuntrabaxx u 'orgni', li ovvjament intrama għall-okkażjoni, jekk dejjem kien il-każ, għax f'okkażjonijiet simili aktar kien jintuża l-klaviċimbalu, l-arpsikordju jew xi strument ieħor bit-tastiera.

**Fi żmien l-Ingliżi**

Fi żmien l-Ingliżi l-arki trijonfali naqqsu ħafna mill-popolarità. Iżda jekk l-użu tagħhom kien naqas sew f'ċelebrazzjonijiet ċivili, żdiedu bil-bosta fl-imsieraħ tagħna jew f'xi okkażjonijiet oħrajn, speċjalment dawk reliġjużi. Bonello jsemmi dak li ntrama fil-Furjana għall-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali (1913) u għall-festi ċentinarji ta' San Pawl (1858), fi stil Neo-Gotiku.

Dari, għall-festi ta' San Duminku, fil-Belt Valletta, ukoll kien jintrama wieħed, kif kien jintrama wkoll ieħor fi stil Gotiku fl-Isla. Fl-1896, għall-festa fin-Naxxar, l-eqdem raħal tal-kampanja, kien iżżanżan ark trijonfali tal-ħadid li tpoġġa fil-bidu ta' Triq il-Kbira. Dan kien inħadem min-Naxxarin stess taħt is-superviżjoni tal-imgħallem Ġużeppi Scerri ('Tal-Kik'), u fuq disinn ta' Vitor Scerri ('Ta' Saverja'), li kien hu wkoll li ġabar l-ispejjeż għalih.

Is-sena ta' wara sar ieħor tal-ħadid fi Triq Sta Luċija faċċata tal-kappella. Qabel dawn it-tnejn kien jeżisti luġġar tal-ħadid bi tliet arkijiet biex jagħlqu d-daħliet tal-pjazza. Dan sar fl-1864 fuq disinn tal-Perit Nikola Zammit (1815-99).

---

2 Vella Bondin, Joseph: 'Il-Mużika ta' Malta sal-Aħħar tas-Seklu Tmintax' - Kullana Kulturali nru 18 (PIN, 2000), p. 92.